| c.520delT | c.520delT | p.C174Vfs*17 |
| c.560delT | c.560delT | p.M187Sfs*3 |
| c.568delG | c.568delG | p.A190Pfs*1 |
| c.590delG | c.590delG | p.S197Tfs*42 |
| c.606delT | c.606delT | p.C202Wfs*37 |
| c.613_621del | c.613_621del | p.205_207del |
| c.614delC | c.614delC | p.P205Lfs*34 |
| c.618_619del | c.618_619del | p.L206fs*24 |
| c.621dupT | c.621dupT | p.M208Yfs*24 |
| c.646delT | c.646delT | p.Y216Ifs*23 |
| c.646dupT | c.646dupT | p.Y216Lfs*15 |
| c.650_663dup14 | c.650_663dup14 | p.Q221fs*23 |
| c.672_673ins37 | c.672_673ins37 | p.H225Tfs*18 |
| c.674_732del | c.674_732del | p.H225Lfs*5 |
| c.678delG | c.678delG | p.A230Lfs*9 |
| c.700_702del | c.700_702del | p.D234del |
| c.715_717del | c.715_717del | p.delI239 |
| c.716dupT | c.716dupT | p.I239fs*10 |
| c.718_719del | c.718_719del | p.K240Efs*8 |
| c.719delA | c.719delA | p.K240Rfs*29 |
| c.719dupA | c.719dupA | p.K240fs*9 |
| c.722delG | c.722delG | p.S241Ifs*27 |
| c.723dupT | c.723dupT | p.I242Yfs*8 |
| c.732delC | c.732delC | p.D244fs*24 |

**Tabella 3: Mutazzjonijiet li ma jirrispondux għal Galafold (migalastat)**

| Bidla fin-nukleotidi | Bidla fin-nukleotidi | Bidla fis-Sekwenza tal-Proteina |
|---|---|---|
| c.736_739delinsCAA | c.736_739delinsCAA | p.T246Qfs*21 |
| c.741ins9 | c.741ins9 | p.247ins3 |
| c.744_745del | c.744_745del | p.F248Lfs*6 |
| c.744delT | c.744delT | p.F248Lfs*20 |
| c.746_747del | c.746_747del | p.N249Tfs*5 |
| c.756delA | c.756delA | p.I253Vfs*14 |
| c.759delT | c.759delT | p.I253Mfs*15 |
| c.760dupG | c.760dupG | p.V254Gfs*1 |
| c.761_762del | c.761_762del | p.V254Gfs*9 |
| c.774_775del | c.774_775del | p.G258fx*5 |
| c.777delA | c.777delA | p.P259fs*9 |
| c.782dupG | c.782dupG | p.G261fs*3 |
| c.802-2_802-3delCA | c.802-2_802-3delCA | MHUX MAGĦRUF |
| c.803_806delTAGT | c.803_806delTAGT | p.L268X |
| c.807delG | c.807delG | p.V269fs*12 |
| c.833_845del | c.833_845del | p.W277fs*34 |
| c.833delA | c.833delA | p.N278Ifs*3 |
| c.833dupA | c.833dupA | p.N278Kfs*20 |
| c.838_849del | c.838_849del | p.Q280_283del |
| c.841_844delGTAA | c.841_844delGTAA | p.Q280fs*34 |
| c.842_844del | c.842_844del | p.V281AdelT282 |
| c.848_851delAGAT | c.848_851delAGAT | Q283Rfs*33 |
| c.858_863delinsTTGG | c.858_863delinsTTGG | p.W287fs*9 |
| c.863delC | c.863delC | p.A288Vfs*29 |
| c.881delT | c.881delT | p.L294Yfs*22 |
| c.891dupT | c.891dupT | p.N298X |
| c.892_893insT | c.892_893insT | p.N298Ifs*1 |
| c.893_894insG | c.893_894insG | p.N298Kfs*1 |
| c.902dupG | c.902dupG | p.R301fs*13 |
| c.909_918del | c.909_918del | p.I303Mfx*10 |
| c.914delC | c.914delC | p.P305Lfs*11 |
| c.931delC | c.931delC | p.L311Ffs*5 |
| c.931dupC | c.931dupC | p.L311Pfs*4 |
| c.941_961del | c.941_961del | p.D315_Q321del |
| c.946_954dup | c.946_954dup | p.V316_A318dup |
| c.946_966del | c.946_966del | p.V316_D322del |
| c.946delG | c.946delG | p.V316X |
| c.950_954dupTTGCC | c.950_954dupTTGCC | p.A318fs*31 |
| c.972delG | c.972delG | p.G325Afs*21 |
| c.974dupG | c.974dupG | p.G325fs*7 |
| c.986delA | c.986delA | p.Y329Sfs*18 |
| c.988delC | c.988delC | p.Q330Sfs*17 |
| c.994delA | c.994delA | p.R332Dfs*15 |
| c.994dupA | c.994dupA | p.R332Kfs*5 |
| c.996_999del | c.996_999del | p.R332fs*14 |
| c.997dupC | c.997dupC | p.Q333Pfs*5 |
| c.1011_1029del | c.1011_1029del | p.F337fs*4 |
| c.1017_1020delins24 | c.1017_1020delins24 | p.V339fs*7 |
| c.1017_1027del | c.1017_1027del | p.V339fs*5 |
| c.1021delG | c.1021delG | p.E341Nfs*6 |

**Tabella 3: Mutazzjonijiet li ma jirrispondux għal Galafold (migalastat)**

| Bidla fin-nukleotidi | Bidla fin-nukleotidi | Bidla fis-Sekwenza tal-Proteina |
|---|---|---|
| c.1025delG | c.1025delG | p.R342Hfs*5 |
| c.1028delC | c.1028delC | p.343Lfs*3 |
| c.1029_1030delTC | c.1029_1030delTC | p.P343fs*29 |
| c.1030_1031insT | c.1030_1031insT | p.L344fs*30 |
| c.1033_1034del | c.1033_1034del | p.S345Rfs*28 |
| c.1037delG | c.1037delG | p.G346Afs*1 |
| c.1040dupT | c.1040dupT | p.L347Ffs*27 |
| c.1041dupA | c.1041dupA | p.L347fs*27 |
| c.1042dupG | c.1042dupG | p.A348Gfs*26 |
| c.1043_1044insG | c.1043_1044insG | p.A348fs*26 |
| c.1049delC | c.1049delC | p.A350Vfs*1 |
| c.1055_1056delCT | c.1055_1056delCT | p.A352Dfs*20 |
| c.1055_1057dup | c.1055_1057dup | p.353insT |
| c.1057_1058del | c.1057_1058del | p.M353Dfs*20 |
| c.1072_1074del | c.1072_1074del | p.358delE |
| c.1074_1075del | c.1074_1075del | p.E358Dfs*15 |
| c.1077delT | c.1077delT | p.I359Mfs*31 |
| c.1081_1100del | c.1081_1100del | p.G360fs*7 |
| c.1086_1098del | c.1086_1098del | p.P362fs*24 |
| c.1088delG | c.1088delG | p.R363Pfs*27 |
| c.1091_1092del | c.1091_1092del | p.S364Lfs*9 |
| c.1093dupT | c.1093dupT | p.Y365Lfs*9 |
| c.1095delT | c.1095delT | p.Y365X |
| c.1096_1100del | c.1096_1100del | p.Y365fs*7 |
| c.1102delG | c.1102delG | p.A368Qfs*21 |
| c.1102delGinsTTATAC | c.1102delGinsTTATAC | p.A368delinsFYfs*23 |
| c.1114_1115insTCCC | c.1114_1115insTCCC | p.G373Pfs*1 |
| c.1122_1125del | c.1122_1125del | p.K374fs*15 |
| c.1123_1175del | c.1123_1175del | p.G375_R392del |
| c.1124_1129del | c.1124_1129del | G375_V376del |
| c.1129_1140dup | c.1129_1140dup | A377_P380dup |
| c.1139delC | c.1139delC | p.380Lfs*10 |
| c.1145_1149del | c.1145_1149del | p.C382Yfs*14 |
| c.1146_1148del | c.1146_1148del | p.383delF |
| c.1151_1152delinsAT | c.1151_1152delinsAT | p.I384N |
| c.1156_1157del | c.1156_1157del | p.Q386Afs*10 |
| c.1167dupT | c.1167dupT | p.P389fs*9 |
| c.1168insT | c.1168insT | p.V390fs*9 |
| c.1176_1179del | c.1176_1179del | p.R392Sfs*1 |
| c.1177_1178del | c.1177_1178del | p.K393Afs*4 |
| c.1181_1183dup | c.1181_1183dup | L394_G395insV |
| c.1181_1192del | c.1181_1192del | p.L394_E398delinsQ |
| c.1187delT | c.1187delT | p.F396Sfs*7 |
| c.1187dupT | c.1187dupT | p.F396fs*2 |
| c.1188delC | c.1188delC | p.F396fs*7 |
| c.1193_1196delAATG | c.1193_1196delAATG | p.E398Gfs*3 |
| c.1201dupT | c.1201dupT | p.S401Ffs*49 |
| c.1202dupC | c.1202dupC | p.R402Kfs*48 |
| c.1208delT | c.1208delT | p.L403X |
| c.1208ins21 | c.1208ins21 | MHUX MAGĦRUF |

**Tabella 3: Mutazzjonijiet li ma jirrispondux għal Galafold (migalastat)**

| Bidla fin-nukleotidi | Bidla fin-nukleotidi | Bidla fis-Sekwenza tal-Proteina |
|---|---|---|
| c.1209_1211del | c.1209_1211del | p.404delR |
| c.1223delA | c.1223delA | p.N408Ifs*9 |
| c.1226_1231del | c.1226_1231del | p.409_410delinsR |
| c.1235_1236del | c.1235_1236del | p.T412Sfs*37 |
| c.1277_1278del | c.1277_1278del | p.K426Rfs*23 |
| c.1281_1282insCTTA | c.1281_1282insCTTA | p.L429Ifs*21 |
| c.1284_1287del | c.1284_1287del | p.L428Ffs*23 |
| g.941_5845del | c.1-179_369+577del | p.?(Exon1_2del) |
| g.2594_10904dup | c.195-2500_999+197dup | MHUX MAGĦRUF |
| g.2934_6378del | c.194+1561_370-891del | MHUX MAGĦRUF (E66_Y123del; del Exon2?) |
| g.2979_6442del | c.194+1606_369+1174del | MHUX MAGĦRUF (E66_Y123del; del Exon2) |
| g.3260_6410del | c.194+1887_370-859del | MHUX MAGĦRUF (E66_Y123del; del Exon2?) |
| g.3396_6012del | c.194+2023_370-1257del | MHUX MAGĦRUF (E66_Y123del; del Exon2?) |
| g.3422_6041delinsCG | c.194+2049_369+773del2620ins CG | MHUX MAGĦRUF |
| g.5052_5079del28 | g.5052_5079del28 | MHUX MAGĦRUF |
| g.5106_5919delins231 | c.207_369+651del814ins231 | MHUX MAGĦRUF (del Exon2?) |
| g.5271_9366del4096insT | c.369+3_639+954del3129insT | MHUX MAGĦRUF (del Exon3 u 4?) |
| g.6009_9741del | c.369+741_640-390del | MHUX MAGĦRUF (del Exon3 u 4?) |
| g.6547_9783del | c.369+1279_640-348del | MHUX MAGĦRUF (del Exon3 u 4?) |
| g.6736_11545del | c.370-533_c.1290+277del | MHUX MAGĦRUF (del Exon3_7?) |
| g.7086_7487del | c.370-183_547+41del | MHUX MAGĦRUF (del Exon3?) |
| g.[10237_11932del; 11933_12083inv; 12084_12097del] | g.10237_11932del/11933_12083inv/12084_12097del | MHUX MAGĦRUF |
| g.>5.5kbdel sa 3UTR | c.?_?del | MHUX MAGĦRUF (delExon3_3'UTR?) |
| g.?_?del | c.?_? | MHUX MAGĦRUF (del Exon1_2?) |
| g.?_?del | c.195-?_547+?del | MHUX MAGĦRUF (del Exon2_3?) |
| g.?_?del | c.?_?del | MHUX MAGĦRUF (del Exon5_7?) |
| g.?_?dup | c.?_?dup | MHUX MAGĦRUF (Exon2_4dup?) |
| IVS1+2T>C | c.194+2T>C | MHUX MAGĦRUF |

**Tabella 3: Mutazzjonijiet li ma jirrispondux għal Galafold (migalastat)**

| Bidla fin-nukleotidi | Bidla fin-nukleotidi | Bidla fis-Sekwenza tal-Proteina |
|---|---|---|
| IVS1+39delAT | c.194+39delAT | MHUX MAGĦRUF |
| IVS1-1G>A | c.195-1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS1-1G>T | c.195-1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS1-2A>G | c.195-2A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS1-2A>G; IVS1-49T>C | c.195-2A>G/195-49T>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS2+1G>A | c.369+1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS2+1G>T | c.369+1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS2+2T>G | c.369+2T>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS2-2A>G | c.370-2A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3+1G>A | c.547+1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3+1G>C | c.547+1G>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3+1G>T | c.547+1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3-1G>A | c.548-1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3-1G>C | c.548-1G>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3-1G>T | c.548-1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3-2A>G | c.548-2A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS3-162A>T | c.548-162A>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4+1G>A | c.639+1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4+1G>C | c.639+1G>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4+4A>T | c.639+4A>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4+861C>T | c.639+861C>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4+919G>A | c.639+919G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-1G>A | c.640-1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-1G>T | c.640-1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-2A>T | c.640-2A>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-3C>G | c.640-3C>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-4A>C | c.640-4A>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-11T>A | c.640-11T>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS4-859C>T | c.640-859C>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5+1G>T | c.801+1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5+2T>C | c.801+2T>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5+3A>G | c.801+3A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5+3A>T | c.801+3A>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5+4A>G | c.801+4A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS5-2A>G | c.802-2A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6+1G>T | c.999+1G>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6+2T>C | c.999+2T>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6-1G>A | c.1000-1G>A | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6-1G>C | c.1000-1G>C | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6-2A>G | c.1000-2A>G | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6-2A>T | c.1000-2A>T | MHUX MAGĦRUF |
| IVS6-10G>A; IVS6-22C>T | c.1000-10G>A/1000-22C>T | MHUX MAGĦRUF |

NP GAL 0719

Mhux il-mutazzjonijiet kollha ġew ittestjati.

Effetti farmakodinamiċi

Il-kura b'Galafold fi provi farmakodinamiċi tal-Fażi 2 irriżultaw b'mod ġenerali f'żidiet fl-attività endoġena α-Gal A f'*WBC*s, kif ukoll fil-ġilda u fil-kliewi għall-maġġoranza tal-pazjenti. F'pazjenti b'mutazzjonijiet li jirrispondu għal Galafold, il-livelli GL-3 kellhom it-tendenza li jonqsu fl-awrina u fil-kapillari interstizjali tal-kliewi (*kidney interstitial capillaries*).

Effikaċja klinika u sigurtà

L-effikaċja klinika u s-sigurtà ta' Galafold ġew evalwati f'żewġ provi pivotali tal-Fażi 3 u f'żewġ provi ta' estensjoni *open-label* (OLE). Il-pazjenti kollha rċevew id-dożaġġ rakkomandat ta' 123 mg ta' Galafold jum iva u jum le

L-ewwel prova tal-Fażi 3 (ATTRACT) kienet prova, randomizzata *open-label* b' komparatur attiv li evalwat l-effikaċja u s-sigurtà ta' Galafold meta mqabbel mat-terapija ta' sostituzzjoni tal-enzima (ERT) (agalsidase beta, agalsidase alfa) fi 52 pazjent irġiel u nisa bil-marda ta' Fabry li kienu qed jirċievu l-ERT qabel daħlu fil-prova u li għandhom mutazzjonijiet li jirrispondu ghal Galafold (prova b' esperjenza tal-ERT). L-istudju kien strutturat f'żewġ perjodi. Matul l-ewwel perjodu (18-il xahar) pazjenti li fil-passat ingħataw ERT intgħażlu b'mod każwali biex jew jaqilbu minn ERT għal Galafold jew biex ikomplu b'ERT. It-tieni perjodu kienet estensjoni open-label ta' 12-il xahar mhux obbligatorja, li fih l-individwi kollha rċivew Galafold.

It-tieni prova tal-Fażi 3 (FACETS) kienet prova ta' 6 xhur randomizzata *double-blind* ikkontrollata bi plaċebo (matul xahar 6) b'perjodu ta' 18-il xahar *open-label* sabiex jiġu evalwati l-effikaċja u s-sigurtà ta' Galafold f'50 pazjent irġiel u nisa bil-marda ta' Fabry mingħajr esperjenza tal-ERT, jew li qabel kienu fuq l-ERT u kienu waqfu għal mill-anqas 6 xhur u li għandhom mutazzjonijiet li jirrispondu għal Galafold (prova mingħajr esperjenza tal-ERT).

L-ewwel prova OLE (AT1001-041) kienet tinkludi pazjenti minn studji ta' Fażi 2 u 3, u din tlestiet. Il-kobor medju tal-esponiment tad-doża mqiegħda fis-suq ta' Galafold 123 mg QOD f'pazjenti li kienu qed ilestu studju AT1001-041 kien ta' 3.57 (±1.23) snin (n=85). L-esponiment massimu kien ta' 5.6 snin.

It-tieni prova OLE (AT1001-042) kient tinkludi pazjenti li kienu ġew ittrasferiti minn studju OLE AT1001-041 u direttament minn studju ta' Fażi 3 ATTRACT, u din għadha għaddejja.

*Funzjoni tal-kliewi*
Fil-prova b' esperjenza tal-ERT, il-funzjoni tal-kliewi baqgħet stabbli sa 18-il xahar ta' kura b'Galafold. Ir-rata medjaannwali ta' bidla f'$eGFR_{CKD-EPI}$ kienet ta' -0.40 mL/min/1.73 $m^2$ (95% CI: -2.272, 1.478; n=34) fil-grupp ta' Galafold meta mqabbla ma' -1.03 mL/min/1.73 $m^2$ (95% CI: -3.636, 1.575; n=18) fil-grupp ERT. Il-medja tar-rata annwalizzata (*mean annualised rate*) ta' bidla mil-linja bażi f'$eGFR_{CKD-EPI}$ f'pazjenti kkurati għal 30 xahar b'Galafold kienet ta' -1.72 mL/min/1.73 $m^2$ (95% CI: -2.653, -0.782; n=31).

Fil-prova mingħajr esperjenza tal-ERT u l-estensjoni *open-label*, il-funzjoni tal-kliewi baqgħet stabbli għal sa 5 snin ta' kura b'Galafold. Wara medja ta' 3.4 snin ta' kura, ir-rata medja annwali ta' bidla f'$eGFR_{CKD-EPI}$ kienet ta' -0.74 mL/min/1.73 $m^2$ (95% CI: -1.89, 0.40; n=41). Ma kinux osservati differenzi klinikament sinifikanti waqt il-perjodu inizjali ta' 6 xhur ikkontrollat mill-plaċebo.

*Indiċi tal-Massa Ventrikulari tax-Xellug (Left Ventricular Mass Index - LVMi)*
Fil-prova b' esperjenza tal-ERT, wara 18-il xahar ta' kura b'Galafold, kien hemm tnaqqis statistikament sinifikanti fil-LVMi ($p< 0.05$). Il-valuri fil-linja bażi kienu 95.3 g/$m^2$ għall-parti tal-istudju dwar Galafold, u 92.9 g/$m^2$ għall-parti tal-istudju dwar ERT, u l-bidla medja mil-linja bażi f'LVMi f'Xahar 18 kienet -6.6 (95% CI: -11.0, -2.1; n=31) għal Galafold, u -2.0 (95% CI: -11.0, 7.0; n=13) għal ERT. Il-bidla mil-linja bażi għal Xahar 18 fil-LVMi (g/$m^2$) f'pazjenti b'ipertrofija ventrikulari tax-xellug (nisa b'LVMi tal-linja bażi > 95 g/$m^2$ u rġiel b'LVMi tal-linja bażi > 115 g/$m^2$) kienet -8.4 (95% CI:

-15.7, 2.6; n=13) għal migalastat u 4.5 (95% CI: -10.7, 18.4; n=5) għall-ERT. Wara 30 xahar ta' kura b'Galafold, il-bidla medja mil-linja bażi f'LVMi kienet ta' -3.8 (95% CI: -8.9, 1.3; n=28) u l-bidla medja mil-linja bażi f'LVMi f'pazjenti b'ipertrofija ventrikulari tax-xellug fil-linja bażi kienet ta' -10.0 (95% CI: -16.6, -3.3; n=10).

Fil-prova mingħajr esperjenza tal-ERT, Galafold irriżulta fi tnaqqis statistikament sinifikanti fil-LVMi ($p< 0.05$); il-bidla medja mil-linja bażi fil-LVMi għal Xahar 18 sa 24 kienet ta' -7.7 (95% CI: -15.4, -0.01; n=27). Wara segwitu fl-OLE, il-bidla medja mil-linja bażi fil-LVMi f'Xahar 36 kienet ta' -8.3 (95% CI: -17.1, 0.4; n=25) u f'Xahar 48 kienet ta' -9.1 (95% CI: -20.3, 2.0; n=18). Il-bidla medja mil-linja bażi f'Xahar 18 sa 24 fil-LVMi f'pazjenti b'ipertrofija ventrikulari tax-xellug fil-linja bażi (nisa b'LVMi tal-linja bażi > 95 g/$m^2$ jew irġiel b'LVMi tal-linja bażi > 115 g/$m^2$) kienet ta' -18.6 (95% CI: -38.2, 1.0; n=8). Wara segwitu fl-OLE, il-bidla medja mil-linja bażi fil-LVMi f'pazjenti b'ipertrofija ventrikulari tax-xellug fil-linja bażi f'Xahar 36 kienet ta' -30.0 (95%) CI: -57.9, -2.2; n=4) u f'Xahar 48 kienet ta' -33.1 (CI:-60.9, -5.4; n=4). Ma ġewx osservati differenzi klinikament sinifikanti fil-LVMi waqt il-perjodu inizjali ta' 6 xhur ikkontrollat mill-plaċebo.

*Sottostrat tal-Marda*
Fil-prova ta' esperjenza tal-ERT, il-livellital-plażma ta' lyso-$Gb_3$ żdiedu ftit iżda baqgħu baxxi f'pazjenti b'mutazzjonijiet li jirrispondu għal Galafold li ġew ikkurati b'Galafold għall-perjodu ta' 30 xahar tal-istudju. Il-livelli ta' lyso-Gb3 fil-plażma wkoll baqgħet baxxa f'pazjenti li baqgħu fuq l-ERT għal sa 18-il xahar.

Fil-prova mingħajr esperjenza tal-ERT, Galafold wera tnaqqis statistikament sinifikanti f'konċentrazzjonijiet tal-plażma ta' lyso-$Gb_3$ u ta' inklużjonijiet GL-3 tal-kapillari interstizjali tal-kliewi f'pazjenti b'mutazzjonijiet li jirrispondu ghal Galafold. Pazjenti randomizzati għal Galafold fi Stadju 1 urew tnaqqis statistikament sinifikanti akbar (±SEM) fil-medja ta' depożizzjoni GL-3 fil-kapillari interstizjali (-0.25±0.10; -39%) f'xahar 6 meta mqabbel mal-plaċebo (+0.07 ± 0.13; +14%) ($p=0.008$). Pazjenti randomizzati għall-plaċebo fi Stadju 1 u li bdew jingħataw Galafold f'xahar 6 (Stadju 2) ukoll urew tnaqqis statistikament sinifikanti f'inklużjonijiet GL-3 fil-kapillari interstizjali f'xahar 12 (-0.33±0.15; -58%) ($p=0.014$). Tnaqqis kwalitattiv fil-livelli GL-3 kien osservat f'diversi tipi ta' ċelloli tal-kliewi: podoċiti (*podocytes*), ċelloli meżanġjali (*mesangial cells*), u ċelloli glomerulari endoteljali, rispettivament, fuq 12-il xahar ta' kura b'Galafold.

*Riżultati Kliniċi Komposti*
Fil-prova b'' esperjenza tal-ERT analiżi ta' riżultat kliniku kompost magħmul minn avvenimenti tal-kliewi, tal-qalb, ċerebrovaskulari, jew mewt, il-frekwenza tal-avvenimenti osservati fil-grupp tal-kura ta' Galafold kienet ta' 29% imqabbla ma' 44% fil-grupp ERT fuq 18-il xahar. Il-frekwenza ta' avvenimenti f'pazjenti kkurati b'Galafold fuq perjodu ta' 30 xahar (32%) kienet simili għall-perjodu ta' 18-il xahar.

*Riżultat Irrapportat mill-Pazjent - Skala tal-Klassifika tas-Sintomi Gastrointestinali*
Fil-prova mingħajr esperjenza tal-ERT, analiżi tal-Iskala tal-Klassifika tas-Sintomi Gastrointestinali wriet li l-kura b'Galafold kienet assoċjata ma' titjib statistikament sinfikanti ($p<0.05$) meta mqabbel mal-plaċebo mil-linja bażi għal xahar 6 fil-qasam tad-dijarea, u fil-qasam tar-rifluss għal pazjenti bis-sintomi fil-linja bażi. Waqt l-estensjoni *open-label*, ġie osservat titjib statistikament sinfikanti ($p<0.05$) mil-linja bażi fl-oqsma tad-dijarea u l-indiġestjoni, b'xejra ta' titjib fil-qasam tal-istitikezza.

<u>Popolazzjoni pedjatrika</u>

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini iddifferiet l-obbligu li jiġu ppreżentati riżultati tal-istudji b'Galafold f'subsett wieħed jew aktar tal-popolazzjoni pedjatrika fil-kura tal-marda ta' Fabry (ara sezzjoni 4.2 għal informazzjoni dwar l-użu pedjatriku).

## 5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Il-bijodisponibbiltà assoluta (AUC) għal doża waħda orali ta' 150 mg migalastat hydrochloride jew infużjoni fil-vina waħda ta' sagħtejn ta' 150 mg kienet bejn wieħed u ieħor ta' 75%. Wara doża waħda orali ta' soluzzjoni ta' 150 mg migalastat hydrochloride, il-ħin sabiex tintlaħaq il-konċentrazzjoni massima tal-plażma kien bejn wieħed u ieħor 3 sigħat. L-esponiment fil-plażma ta' migalastat hydrochloride ($AUC_{0-\infty}$) u $C_{max}$ wrew żidiet proporzjonali mad-doża f'dożi orali ta' migalastat minn 50 mg sa 1,250 mg.

Migalastat mogħti ma' ikla b'kontenut għoli ta' xaħam, jew siegħa qabel ikla b'kontenut għoli ta' xaħam jew inkella ikla ħafifa, jew siegħa wara ikla ħafifa, irriżulta fi tnaqqis sinifikanti ta' 37% sa 43% fil-medja tal-esponiment totali ta' migalastat ($AUC_{0-\infty}$) u tnaqqis ta' 15% sa 40% fil-medja tal-esponiment massimuta' migalastat ($C_{max}$) meta mqabbel ma' stat ta' sawm. Ara sezzjoni 4.2.

Distribuzzjoni

F'voluntiera f'saħħithom, il-volum tad-distribuzzjoni ($V_z$/F) ta' migalastat wara dożi orali waħdanin li jiżdiedu (25-675 mg migalastat HCl) varja minn 77 sa 133 L, u dan jindika li huwa mqassam tajjeb fit-tessuti u akbar mit-total tal-ilma fil-ġisem (42 litru). Ma kienx hemm osservazzjoni ta' rbit mal-proteina tal-plażma wara l-għoti ta' [$^{14}$C]-migalastat hydrochloride fil-firxa ta' konċentrazzjoni bejn 1 u 100 μM.

Bijotrasformazzjoni

Abbażi tad-data in vivo, migalastat huwa sottostrat ta' UGT, li huwa passaġġ minuri ta' eliminazzjoni. Migalastat mhuwiex sottostrat ta' P-*glycoprotein* (P-gP) *in vitro* u huwa meqjus improbabbli li migalastat għamdu ikun soġġett għal interazzjonijiet bejn mediċina u ohra maċ- *cytochrome* P450s. Prova farmakokinetika f'voluntiera rġiel f'saħħithom b'150 mg [$^{14}$C]-migalastat HC żvelat li 99% tad-doża radjutikkettata rkuprata fil-plażma kienet komposta minn migalastat mhux mibdul (77%) u minn 3 metaboliti konġugati ta *dehydrogenated O-glucuronide*, M1 sa M3 (13%). Bejn wieħed u ieħor 9% tar-radjuattività totali ma kinitx assenjata.

Eliminazzjoni

Prova farmakokinetika f'voluntiera rġiel f'saħħithom b'150 mg $^{14}$C]-migalastat hydrochloride żvelat li bejn wieħed u ieħor 77% tad-doża radjutikkettata kienet irkuprata fl-awrina li minnha, 55% kienet imneħħija (*excreted*) bħala migalastat mhux mibdul u 4% bħala metaboliti kombinati M1, M2 u M3. Madwar 5% tar-radjuattività totali tal-kampjun kienet komponenti mhux assenjati. Bejn wieħed u ieħor 20% tad-doża totali radjutikkettata kienet imneħħija (*excreted*) fl-ippurgar, b'migalastat mhux mibdul ikun l-unika komponent imkejjel.

Wara d-dożi orali waħdanin li jiżdiedu, (25-675 mg migalastat hydrochloride), ma nstabux xejriet għat-tneħħija (*clearance*), CL/F). Fid-doża ta' 150 mg, CL/F kien bejn wieħed u ieħor 11 sa 14 L/hr. Wara l-għoti tal-istess dożi, il-*half-life* medja tal-eliminazzjoni ($t_{1/2}$) varjat minn bejn wieħed u ieħor 3 sa 5 sigħat.

Popolazzjonijiet speċjali

*Pazjenti b'indeboliment tal-kliewi*
Galafold ma ġiex studjat f'pazjenti li jbatu mill-marda ta' Fabry li għandhom GFR anqas minn 30 mL/min/1.73 $m^2$. Fi studju ta' doża waħda b'Galafold f'individwi mingħajr Fabry bi gradi varji ta' insuffiċjenza tal-kliewi, l-esponimenti żdiedu b'4.3 darbiet f'individwi b'indeboliment tal-kliewi sever (GFR < 30 mL/min/1.73 $m^2$).

*Pazjenti b'indeboliment tal-fwied*
Ma twettqux studji f'individwi b'indeboliment fil-funzjoni epatika. Mill-passaġġi tal-metaboliżmu u t-tnehhija (*excretion*), mhuwiex mistenni li tnaqqis fil-funzjoni epatika jista' jaffettwa l-farmakokinetika ta' migalastat.

*Anzjani (> 65 sena)*
Studji kliniċi ta' Galafold inkludew numru żgħir ta' pazjenti mill-età ta' 65 sena u aktar. L-effett tal-età kien evalwat f'analiżi farmakokinetika tal-popolazzjoni dwar it-tneħħija ta' migalastat mill-plażma fil-popolazzjoni tal-istudju mingħajr esperjenza tal-ERT. Id-differenza fit-tneħħija(*clearance*) bejn il-pazjenti ta' Fabry ≥ 65 sena u dawk < 65 sena kienet ta' 20%, li ma kinitx meqjusa klinikament sinifikanti.

Sess

Il-karatteristiċi farmakokinetiċi ta' migalastat ma kinux differenti b'mod sinifikanti bejn in-nisa u l-irġiel la f'voluntiera f'saħħithom u lanqas f'pazjenti li jbatu mill-marda ta' Fabry.

### 5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà

Studji mhux kliniċi ma juru l-ebda periklu speċifiku għall-bnedmin abbażi ta' studji dwar dożi waħdanin u ripetuti, bl-eċċezzjoni ta' infertilità tranżitorja u riversibbli b'mod sħiħ fil-firien irġiel assoċjata mal-kura b'migalastat. L-infertilità assoċjata mal-kura b'migalastat kienet irrapportata f'esponimenti klinikament rilevanti . Riversibbiltà sħiħa dehret wara 4 ġimgħat mingħajr doża. Sejbiet simili kienu osservati preklinikament wara l-kura b'zokkor imminiku (*iminosugars*) ieħor. Fl-istudju dwar l-effett tossiku fuq l-embrijun jew feti tal-fenek, is-sejbiet inkludew mewt tal-embrijun/tal-fetu, tnaqqis fil-piż medju tal-fetu, dewmien fl-ossifikazzjoni, u żieda żgħira fl-inċidenzi ta' anormalitajiet skeletriċi żgħar f'dożi assoċjati mal-effett tossiku matern biss.

Fi studju fil-firien dwar ir-riskju ta' kanċer ta' 104 ġimgħat, kien hemm żieda fl-inċidenza ta' adenomi taċ-ċelloli *islet* pankreatiċi fl-irġiel f'livell tad-doża 19-il darba aktar mill-esponiment (AUC) fid-doża klinikament effikaċi. Dan huwa tumur spontanju komuni f'firien irġiel mitmugħin *ad libitum*. Fin-nuqqas ta' sejbiet simili fin-nisa, nuqqas ta' sejbiet fil-batterija ġenotossika jew fl-istudju dwar il-karċinoġeniċità bi ġrieden Tg.rasH2, u nuqqas ta' sejbiet preneoplastiċi pankreatiċi fl-annimali gerriema jew ix-xadini, din l-osservazzjoni fil-firien irġiel mhijiex meqjusa relatata mal-kura u r-rilevanza tagħha għall-bnedmin mhijiex magħrufa.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' eċċipjenti

Kontenut tal-kapsula
Pregelatinised starch (qamħirrum)
Magnesium stearate

Il-qoxra tal-kapsula
Ġelatina
Titanium dioxide (E171)
Indigotine (E132)

Linka ta' stampar
Shellac
Black iron oxide
Potassium hydroxide

## 6.2 Inkompatibbiltajiet

Mhux applikabbli.

## 6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

4 snin

## 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Dan il-prodott mediċinali m'għandu bżonn l-ebda kundizzjoni ta' temperatura speċjali għall-ħażna. Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tipproteġi mill-umdità.

## 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Folja (Blister) tal-PVC / PCTFE / PVC/Al
Daqs tal-pakkett ta' 14-il kapsula.

## 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Kull fdal tal-prodott mediċinali li ma jkunx intuża jew skart li jibqa' wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

# 7. DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Amicus Therapeutics UK Ltd
Phoenix House,
Oxford Road,
Tatling End,
Gerrards Cross,
Buckinghamshire
SL9 7AP
Ir-Renju Unit
tel +44 1753 888 567
fax +44 1753 437 192
e-mail info@amicusrx.co.uk

# 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/1/15/1082/001

# 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

26 ta' Mejju, 2016

# 10. DATA TA' REVIŻJONI TAT-TEST

JJ xahar SSSS

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali tinsab fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini http://www.ema.europa.eu.

# ANNESS II

**A.** **MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B.** **KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU**

**C.** **KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

**D.** **KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

## A. MANIFATTUR RESPONSABBLI GĦALL--ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur(i) responsabbli mill-ħruġ tal-lott

Almac Pharma Services Limited
Seagoe Industrial Estate
Portadown, Craigavon
BT63 5UA
Ir-Renju Unit

## B. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET RIGWARD IL-PROVVISTA U L-UŻU

Prodott mediċinali li jingħata b'riċetta ristretta tat-tabib (ara Anness I: Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, sezzjoni 4.2).

## C. KONDIZZJONIJIET U REKWIŻITI OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

- **Rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà**

Ir-rekwiżiti biex jiġu ppreżentati rapporti perjodiċi aġġornati dwar is-sigurtà għal dan il-prodott mediċinali huma mniżżla fil-lista tad-dati ta' referenza tal-Unjoni (lista EURD) prevista skont l-Artikolu 107c(7) tad-Direttiva 2001/83/KE u kwalunkwe aġġornament sussegwenti ppubblikat fuq il-portal web Ewropew tal-mediċini.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għandu jippreżenta l-ewwel rapport perjodiku aġġornat dwar is-sigurtà għal dan il-prodott fi żmien 6 xhur wara l-awtorizzazzjoni.

## D. KONDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU SIGUR U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

- **Pjan tal-Ġestjoni tar-Riskju (RMP)**

L-MAH għandu jwettaq l-attivitajiet u l-interventi meħtieġa ta' farmakoviġilanza dettaljati fl-RMP maqbul ippreżentat fil-Modulu 1.8.2 tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u kwalunkwe aġġornament sussegwenti maqbul tal-RMP.

RMP aġġornat għandu jiġi ppreżentat:

- Meta l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini titlob din l-informazzjoni;
- Kull meta s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju tiġi modifikata speċjalment minħabba li tasal informazzjoni ġdida li tista' twassal għal bidla sinifikanti fil-profil bejn il-benefiċċju u r-riskju jew minħabba li jintlaħaq għan importanti (farmakoviġilanza jew minimizzazzjoni tar-riskji).

# ANNESS III

# TIKKETTAR U FULJETT TA' TAGĦRIF

# A. TIKKETTAR

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KARTUNA ESTERNA**

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Galafold 123 mg kapsuli ibsin
migalastat

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

Kull kapsula fiha migalastat hydrochloride ekwivalenti għal 123 mg migalastat

## 3. LISTA TA' EĊĊIPJENTI

## 4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

14-il kapsula iebsa

## 5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Tikolx ikel għal mill-inqas sagħtejn qabel u sagħtejn wara li tieħu l-mediċina tiegħek, biex ikun hemm mill-inqas 4 sigħat ta' sawm. Ħu fl-istess ħin kuljum.
Ibla' l-kapsuli sħaħ. Taqsamx, tfarrakx u togħmodx il-pillola.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.
Għall-użu orali.

Ħu l-kapsula Galafold jum iva u jum le u taqqab 'il barra ċ-ċirku imtaqqab fuq il-folja (blister) fil-jiem fejn minitx tieħu Galafold.

<u>Struzzjonijiet sabiex tiftaħ</u>

1. AGĦFAS u żomm il-kappa fuq ix-xellug
2. IĠBED 'il barra l-kartuna fuq il-lemin
3. IMBOTTA l-kapsula minn ġol-fojl
4. IMBOTTA' l-kartuna lura fil-kontenitur

Sabiex taċċessa l-fuljett ta' tagħrif, skennja l-kodiċi ta' hawn taħt.
*Kodiċi QR għandha tiġi inkluża* + www.galafoldsmpc.co.uk

## 6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' SKADENZA**

JIS

**9. KONDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tipproteġi mill-umdità.

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Amicus Therapeutics UK Ltd
Phoenix House,
Oxford Road,
Tatling End,
Gerrards Cross,
Buckinghamshire
SL9 7AP
Ir-Renju Unit

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/15/1082/001

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

**15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

## 16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

galafold 123 mg kapsuli ibsin

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI ŻGĦAR EWLENIN**

**FOLJA (BLISTER)**

## 1. ISEM IL-PRODOTT MEDIĊINALI

Galafold 123 mg kapsuli ibsin
migalastat

## 2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Amicus Therapeutics UK, Ltd

## 3. DATA TA' SKADENZA

JIS:

## 4. NUMRU TAL-LOTT

LOTT:

## 5. OĦRAJN

Għal aktar struzzjonijiet ara l-fuljett ta' tagħrif.

Taqqab 'il barra ċ-ċrieki imtaqqba fil-jiem fejn mintix tieħu Galafold.

Galafold għandu jittieħed jum iva u jum le.

Data tal-bidu:

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN FOLJI**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

**2. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

**3. DATA TA' SKADENZA**

**4. NUMRU TAL-LOTT**

LOTT:

**5. OĦRAJN**

## B. FULJETT TA' TAGĦRIF

**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Galafold 123 mg kapsuli ibsin**
Migalastat

▼Dan il-prodott mediċinali huwa suġġett għal monitoraġġ addizzjonali. Dan ser jippermetti identifikazzjoni ta' malajr ta' informazzjoni ġdida dwar is-sigurtà. Inti tista' tgħin billi tirrapporta kwalunkwe effett sekondarju li jista' jkollok. Ara t-tmiem ta' sezzjoni 4 biex tkun taf kif għandek tirrapporta effetti sekondarji.

**Aqra l-fuljett ta' tagħrif kollu bir-reqqa qabel tibda tieħu din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**
- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar, jew l-infermier tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara anke jekk għandhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar, jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara s-sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett**

1. X'inhu Galafold u għal xiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Galafold
3. Kif għandek tieħu Galafold
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Galafold
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

## 1. X'inhu Galafold u għal xiex jintuża

Galafoldih is-sustanza attiva migalastat.

Din il-mediċina hija użata għall-kura fit-tul tal-marda ta' Fabry fl-adulti u l-adolexxenti fl-età ta' 16-il sena u aktar li għandhom ċerti mutazzjonijiet ġenetiċi (bidliet).

Il-marda ta' Fabry hija kkawżata min-nuqqas ta' jew enzima difettuża li tissejjaħ alpha-galactosidase A (α–Gal A). Skont it-tip ta' mutazzjoni (bidla) fil-ġene li jipproduċi α–Gal A, l-enzima ma taħdimx sew jew hija nieqsa għal kollox. Dan id-difett tal-enzima jwassal għal depożiti anormali ta' sustanza xaħmija magħrufa bħala globotriaosylceramide (GL-3) fil-kliewi, fil-qalb, u organi oħrajn, li jwassal għas-sintomi tal-marda ta' Fabry.

Din il-mediċina taħdem billi tistabbilizza l-enzima li ġismek jipproduċi b'mod naturali, sabiex ikun jista' jaħdem aħjar sabiex inaqqas l-ammont ta' GL-3 li akkumula fiċ-ċelluli u t-tessuti tiegħek.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tieħu Galafold

**Tiħux Galafold jekk inti:**
- allerġiku għal migalastat jew għal xi ingredjenti oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6)

**Twissijiet u prekawzjonijiet**
Kellem lit-tabib tiegħek qabel ma tieħu Galafold jekk bħalissa qiegħed tieħu terapija ta' sostituzzjoni tal-enzima.
Ma għandekx tieħu Galafold jekk qiegħed tirċievi wkoll terapija ta' sostituzzjoni tal-enzima.

It-tabib tiegħek sejjer jimmonitorja l-kundizzjoni tiegħek u jekk il-mediċina hijiex taħdem kull 6 xhur waqt li tkun qed tieħu Galafold. Jekk il-kundizzjoni tiegħek taggrava, it-tabib tiegħek jista' jevalwak aktar jew jista' jwaqqaflek il-kura tiegħek b'Galafold.

**Tfal u adolexxenti**
Din il-mediċina ma ġietx studjata fit-tfal u l-adolexxenti taħt l-età ta' 16-il sena; għaldaqstant, is-sigurtà u l-effikaċja f'dan il-grupp tal-età ma ġewx stabbiliti.

**Mediċini oħra u Galafold**
Għid lit-tabib, lill-ispiżjar jew lill-infermier tiegħek jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar ħadt, jew tista' tieħu xi mediċini oħra minħabba li xi mediċini oħra jistgħu jżidu jew inaqqsu l-ammont ta' Galafold f'ġismek.

**Tqala, treddigħ u fertilità**

*Tqala*
Hemm esperjenza limitata ħafna bl-użu ta' din il-mediċina f'nisa tqal. Jekk inti tqila, taħseb li tista' tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, tiħux din il-mediċina sakemm tkun tkellimt mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek. Waqt li qed tieħu Galafold għandek tuża kontraċettiv effettiv.

*Treddigħ*
Tiħux din il-mediċina jekk qiegħda tredda', sakemm tkun tkellimt mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek. Għadu mhuwiex magħruf jekk din il-mediċina tgħaddix ġol-ħalib tas-sider tal-bniedem. It-tabib tiegħek ser jiddeċiedi jekk għandekx twaqqaf it-treddigħ jew jekk għandekx twaqqaf il-mediċina b'mod temporanju.

*Fertilità fl-irġiel*
Għadu mhuwiex magħruf jekk din il-mediċina taffetwax il-fertilità fl-irġiel. L-effetti ta’ Galafold fuq il-fertilità fil-bnedmin ma ġewx studjati.

*Fertilità fin-nisa*
Għadu mhuwiex magħruf jekk din il-mediċina taffetwax il-fertilità fin-nisa.

Jekk qed tippjana li jkollok tarbija, tkellem mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek għal parir.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**

Mhux mistenni li din il-mediċina ser taffettwa l-ħila tiegħek li ssuq jew tħaddem magni.

## 3. Kif għandek tieħu Galafold

Dejjem għandek tieħu din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib, tal-ispiżjar jew tal-infermier tiegħek. Iċekkja mat-tabib, mal-ispiżjar jew mal-infermier tiegħek jekk m’intix ċert.

Ħu kapsula waħda jum iva u jum le fl-istess ħin tal-ġurnata. Tiħux Galafold fuq jumejn konsekuttivi. Tikolx ikel għal mill-inqas sagħtejn qabel u sagħtejn wara li tieħu l-mediċina tiegħek. Dan il-minimu ta’ 4 sigħat ta’ sawm meta tieħu l-mediċina tiegħek hu meħtieġ sabiex jippermetti li l-mediċina tiegħek tiġi assorbita kompletament. Likwidi ċari, li jinkludu xarbiet bil-gass, jistgħu jiġu kkunsmati matul dan il-perjodu.

Ibla' l-kapsuli sħaħ. Taqsamx, tfarrakx u togħmodx il-pillola.

| | |
|---|---|
|  | |
| Folja (Blister) waħda ta' Galafold = 14-il kapusla iebsa = 28 jum ta' kura | |
|  | Fl-ewwel jum tiegħek meta tieħu din il-mediċina minn folja (blister) ġdida, niżżel id-data fuq il-folja (blister). |
|  | Imbagħad, taqqab 'il barra l-kapsula tax-xellug nett ittikkettata Jum 1. |
|  | Fil-jum li jmiss, taqqab 'il barra iċ-ċirku abjad mtaqqab ittikkettat Jum 2. Dan ser jgħinek tiftakar f'liema jum ma ħadtx il-mediċina. Għandek tieħu Galafold darba, jum iva u jum le. |




Wara Jum 2, kompli imxi fuq il-lemin fuq il-folja (blister).
Alterna kuljum bejn li tieħu l-kapsula f'jiem b'numru fard u
ttaqqab 'il barra iċ-ċrieki bojod mtaqqba f'jiem b'numru żewġ, sa u inkluż jum 28.

**Jekk tieħu Galafold aktar milli suppost**
Jekk tieħu aktar kapsuli milli suppost, għandek tieqaf tuża l-mediċina u tkkuntattja lit-tabib tiegħek. Jista' jkollok uġigħ ta' ras u tħossok stordut/a.

**Jekk tinsa tieħu Galafold**
Jekk tinsa' tieħu l-kapsula tiegħek fil-ħin tas-soltu imma tiftakar aktar,tard, inti tista' tieħu l-kapsula biss fiż-żmien 12-il siegħa mill-ħin tad-doża normali tiegħek. Jekk ikunu għaddew aktar minn 12-il siegħa, għandek tkompli tieħu Galafold fil-jum u l-ħin ippjanat tad-dożaġġ li jkun imiss, skont l-iskeda tiegħek tad-dożaġġ - jum iva u jum le. M'għandekx tieħu żewġ kapsuli biex tpatti għal doża li tkun insejt tieħu.

**Jekk tieqaf tieħu Galafold**
Tiqafx tieħu din il-mediċina mingħajr ma titkellem mat-tabib tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib, lill-ispiżjar, jew lill-infermier tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

**Komuni ħafna**: jistgħu jaffettwaw aktar minn persuna waħda minn kull 10
- Uġigħ ta' ras

**Komuni**: jistgħu jaffettwaw sa persuna waħda minn kull 10

- Palpitazzjonijiet (is-sensazzjoni ta' qalb tħabbat)
- Sensazzjoni ta' tidwir (vertigo)
- Dijarea
- Tħossok imdardar (nawsja)
- Uġigħ fl-istonku;
- Stitikezza
- Ħalq xott
- Bżonn f'daqqa sabiex tipporga
- Indiġestjoni (dispepsja)
- Għeja
- żieda fil-livelli ta' kreatina phosphokinase fit-testijiet tad-demm
- Żieda fil-piż
- Spażmi fil-muskoli
- Uġigħ fil-muskoli (mijalġja)
- Ebusija fl-għonq li tikkawża l-uġigħ (*torticollis*)
- Tnemnim fl-estremitajiet (paresteżija)
- Sturdament
- Nuqqas ta' sens tal-mess jew sensazzjoni (*hypoaesthesia* )
- Dipressjoni
- Proteina fl-awrina (proteinurja)
- Qtugħ ta' nifs (dispnea)
- Tinfaraġ (epistassi)
- Raxx
- Ħakk persistenti (prurite)
- Uġigħ

**Rapportar tal-effetti sekondarji**

Jekk ikollok xi effett sekondarju, kellem lit-tabib, lill-ispiżjar, jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali imniżżla Appendiċi V. Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Galafold

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta' meta tiskadi li tidher fuq il-kartuna u l-folja (blister) wara JIS. Id-data ta' skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Dan il-prodott mediċinali m'għandu bżonn l-ebda kundizzjoni ta' temperatura speċjali għall-ħażna. Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex tipproteġi mill-umdità.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Staqsi lill-ispiżjar dwar kif għandek tarmi mediċini li m'għadekx tuża. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X'fih Galafold**

- Is-sustanza attiva hija migalastat. Kull kapsula fiha migalastat hydrochloride ekwivalenti għal 123 mg migalastat
- L-ingredjenti l-oħra huma:
  Kontenut tal-kapsula: Pregelatinised maize starch u magnesium stearate
  Qoxra tal-kapsula: Gelatin, titanium dioxide, u indigotine
  Linka ta' stampar: Shellac, black iron oxide, u potassium hydroxide

**Kif jidher Galafold u l-kontenuti tal-pakkett**

Kapsuli ibsin opaki, blu u bojod, immarkati b'"A1001" b'linka sewda, li fihom trab abjad għal kannella ċar.

Galafold jiġi f'pakketti li fihom 14-il kapsula.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**

Amicus Therapeutics UK Ltd
Phoenix House,
Oxford Road,
Tatling End,
Gerrards Cross,
Buckinghamshire
SL9 7AP
Ir-Renju Unit
tel +44 1753 888 567
fax +44 1753 437 192
e-mail info@amicusrx.co.uk

**Manifattur**
Almac Pharma Services Limited
Seagoe Industrial Estate
Portadown, Craigavon
BT63 5UA
Ir-Renju Unit

Għal kull informazzjoni dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq (jekk ma tkunx tista' tikkuntattja lir-rappreżentant tiegħek ta' Amicus bit-telefon, jekk jogħġbok ikkuntattjah permezz tal-indirizz tal-email elenkat hawn taħt):

**België/Belgique/Belgien**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tél/Tel: 080079245
Email: MedInfo@amicusrx.com

**България**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Тел.: 008001113214
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Česká republika**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 800142207
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Danmark**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tlf: 80253262
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Deutschland**
Amicus Therapeutics GmbH
Tel: + 49 89 2488 798 10 & 0800 000 2038
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Eesti**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 8000111911
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Ελλάδα**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Τηλ: 00800126169
Email: MedInfo@amicusrx.com

**España**
Amicus Therapeutics S.L.U
Tel: +34 900 941 616
Email: MedInfo@amicusrx.com

**France**
Amicus Therapeutics SAS
Tél: +33 800 906 788
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Lietuva**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 880033167
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Luxembourg/Luxemburg**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tél/Tel: 80027003
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Magyarország**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel.: 0680021202
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Malta**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 80062674
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Nederland**
Amicus Therapeutics BV
Tel: + 31 20 235 8510 & 0800 0228399
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Norge**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tlf: 80013837
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Österreich**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 0800005475
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Polska**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel.: 008001215475
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Portugal**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 800812531
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Hrvatska**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 0800222452
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Ireland**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 1800936230
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Ísland**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Sími: 8007634
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Italia**
Amicus Therapeutics S.r.l.
Tel: 800795572
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Κύπρος**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Τηλ: 80097595
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Latvija**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 80005391
Email: MedInfo@amicusrx.com

**România**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: + 0808 03 4288, 877-309-5040
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Slovenija**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 080081794
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Slovenská republika**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 0800002437
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Suomi/Finland**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Puh/Tel: 0800917780
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Sverige**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 020795493
Email: MedInfo@amicusrx.com

**United Kingdom**
Amicus Therapeutics, UK Ltd
Tel: 08082346864 & +44 175 3888 567
Email: MedInfo@amicusrx.com

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f'**

**Sorsi oħrajn ta' informazzjoni**
Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu. Hemm ukoll links għal siti web oħra dwar mard rari u kuri.